MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 849/2004

**Raymond Xerri**

**vs**

**Wafaa Muscat Es Samlaly**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fit-8 ta' Novembru, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremetta:

Illi fid-29 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' 14.40, waqt li l-attur kien qed isuq vettura Toyota Coaster Nru. HMY 180, propjeta tieghu, go San Pawl il-Bahar, din sfat involuta f'kollizjoni mal-vettura Fiat Punto Nru. ABL 604 misjuqa mill-konvenuta (Dok.A);

Illi fil-waqt tal-incident l-attur kien ghaddej minn Triq San Aristarkus li hija triq principali filwaqt l-konvenuta baqghet hierga bla ma waqfet rninn Triq San Luqa li hija triq sekondarja senjalata bi 'STOP' u baqghet diehla fil-vettura tal-attur;

Illi konsegwenza ta' l-incident, l-attur garrab "damnum emergens" konsistenti fi hsara kbira li kellha l-vettura tieghu li ghadha qed tissewwa kif ukoll f'telf ta' introjtu peress li l-vettura tieghu hija vettura kummercjali li tintuza bhala minibus ghall-garr ta' passiggieri. Kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghal perijodu ta' xhur fejn ma kenitx determinata l-entita' tal-hsara tal-vettura tal-attur u l-procedura tat-tiswija tal-istess vettura, l-attur kien kostrett jikri vettura alternattiva biex jissokta bis-servizz lill-klijenti tieghu u b'hekk ma jispiccax jitlef ix-xoghol ;

Illi l-quantum tad-danni subiti mill-attur jaqbez l-ammont ta' hamest elef lira (LM 5000) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza : l-ispare-parts wahedhom sal-lum huma stmati li jiswew aktar minn sitt elef u hames mitt lira (lm 6500) [Dok.B];

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi ghalkemm kienet interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni li garrab l-attur, il-konvenuta baqghet inadempjenti (Dok.C);

Talab lill-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-attur;
2. tillikwida d-danni kollha tal-attur occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. tikkundannaha sabiex thallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni;

BI-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Frar 2004 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan I-att ghan-notifika tal-kumpannija ta' assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. l04 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax skond il-ligi, kontra I-konvenuta Ii hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u il-lista tax-xhieda tieghu;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet u b'hekk baqghet kontumaci;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Ezaminat id-dokumenti, rat il-provi kollha li tressqu u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed f'dawn il-proceduri u spjega kif gara l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Huwa gie muri l-iskiz illi jinsab a fol 6 tal-process u ikkonferma illi l-vetturi wara l-kollizzjoni spiccaw kif jidher f'dan l-iskiz. Huwa xehed illi kien uza l-mini van ghal garr tat-tfal tal-iskola kif ukoll ghal garr ta' turisti. Bhala passigieri il-van jiehu tmintax-il adult menti tfal jkun hemm sebgha u ghoxrin. L-attur xehed illi ix-"Chassis" tal-vettura tieghu kellu jinbidel u dan sehh fis-26 ta' Lulju tas-sena 2004. L-attur kompla jixhed li kellhom jingibu diversi "spare parts" minn barra, kellha tingib ukoll ix- "chassis" minn barra u ghalhekk it-tiswija damet sejra sa Marzu tas-sena 2005, u illi minn dakinnhar tal-habta sa Marzu tas-sena 2005 il-van kien inutilizzabbli u ghalhekk ma setghax juzah u kellhu jikri van iehor u jahdem bih u dan il-van krih ghas-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltin (LM45) kuljum sabiex b'hekk kompla jahdem b'mod normalli.

Illi xehed ukoll is-‘surveyer’ Natalino Aguis. Ix-xhud qal illi l-punt kontroversjali kien ix-‘chassis’, il-vettura kienet mini bus u x-‘chassis’ taghha kien separat mill-kumplament tal-body. Huwa xehed li x-‘chassis’ kellu daqqa quddiem u nqala ghaliex bil-habta il-van dahal f’xi kolonna tal-‘concrete’. Ix-xhud kompla jghid illi ma setghu jsibu lil hadd illi setgha jsewwi dan it-tip ta ‘chassis’ u ghalhekk kellu jinbidel. Ix-xhud kompla jghid illi l-incident kien gara f’Jannar u s-‘survey’ ix-xhud ghamlu f’Lulju, u illi kien hemm dan it-trapass ta’ zmien peress illi kien hemm battibekkji dwar jekk kellux jinbidel ix-‘chassis’ jew le, u ghalhekk f’dan l-interval ma saru l-ebda tiswijiet fuq il-van. Ix-xhud kompla jghid illi illum il-gurnata saru t-tiswijiet kollha, ma thallsux ‘registration fees’, minkejja l-fatt illi x-‘chassis’ inbidel, u dan ix-xhud ikkonferma it-tiswijiet kollha illi saru fuq il-vettura tal-attur u qal li dawn gew anke konfermati mis-‘surveyor’ tal-insurance l-ohra.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet ukoll certa Catherine Said illi rat l-incident isehh. Hija giet murija l-iskiz (a fol 6 tal-process), u xehdet illi ghalija l-attur kien ghaddej bi ‘speed’ normali qabel ma sehh l-incident, u hija rat li kellu hafna tfal fil-van. Kif daret il-kantuniera rat il-vettura l-ohra gejja u semghet hoss kbir hafna. Ix-xhud kompliet tghid illi l-vettua li dahlet gol-van tal-attur kienet gejja minn St Lukes Road, u harget minn fuq ‘stop sign’. Ix-xhud kompliet tghid illi fil-vettura l-ohra kien hemm mara li kienet fi stat ta’ ‘shock’ wara l-incident, izda hija ma kelmitix. Finalment ix-xhud ikkonfermat illi l-karozzi wara l-incident spiccaw fil-posizzjoni kif indikata fl-iskiz.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur rega xehed u ikkonferma id-dokumenti kollha fis-sens illi ikkonferma illi dawn id-dokumenti juru id-danni kollha illi huwa sofra tort tal-incident in kwistjoni. Dawn id-dokumenti gew esibiti mill-attur waqt ix-xiehda tieghu.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll Victor Darmanin illi jahdem bhala 'mini bus' driver' u jwassal tfal ta' l-iskola. Huwa xehed illi kellu 'mini-van' ta' l-ghamla Toyota HMY 261 illi ghamlet zmien mikrija lill-attur. Ix-xhud esebixxa id-Dokumenti RX 15 u RX 16 u ikkonferma illi qieghed jaghraf il-firma tieghu fuq dawn id-dokumenti kif ukoll il-firma tal-attur, u ikkonferma li fil-perjodi kif muri fuq dawn id-dokumenti huwa kera il-'mini van' in kwistjoni lill-attur minn Jannar ta' l-2004 sa Marzu ta' l-2005. Ix-xhud qal illi kera din il-vettura lill-attur ghall-ammont ta' erbgha u ghoxrin lira Maltin (LM24) kuljum. Ix-xhud qal illi l-attur hallsu parti mill-ammont dovut lilu ghal-kera ta' din il-vettura izda ghad fadallu jhallsu il-bilanc.

Ikkunsidrat :

Illi xehed ukoll is-Supretendent Mario Bonello, imsejjah mill-attur, illi esebixxa l-isketch u l-okkorrenza mertu ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. Ix-xhud qal illi dak li jirrizulta fl-okkorrenza illi huwa esebixxa huwa rizultat ta' l-investigazzjonijiet illi kien ghamel is-Surgent 667 Edgar Borg illi illum il-gurnata ma ghadux fil-korp tal-pulizija.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi minkejja illi l-konvenuta hija kontumaci l-attur irnexxielu jipprova il-kaz tieghu u ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, fil-kontumacja tal-konvenuta, il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet kollha attrici u konsegwentement qeghda tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' erba' u tletin elf erba mija tlieta u ghoxrin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (LM34,423.38), ekwivalenti ghal tmenin elf, mija u erba' u tmenin euro u wiehed u disghin euro centezmu (€80,184.91);

Bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax kontra il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------